



L-ABBOZZAR TA' INIZJATTIVA TAĊ-ĊITTADINI EWROPEJ: PUNTI EWLENIN MILL-WEBINARS

Dan id-dokument jiġbor ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin dwar l-abbozzar ta' Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej ixixerjati matul il-webinars tal-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-rakkomandazzjonijiet huma miġburin skont is-suġġetti u huma meħudin miż-żewġ webinars li ġejjin:

- [Webinar “Parir legali meta tabbozza Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej”, 2019](#)
- [Webinar “Parir legali dwar l-abbozzar ta’ Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej”, 2020](#)

Tagħlimiet ewlenin

1. It-tibdil tal-liġi tal-UE se jinkiseb biss permezz ta' att legali. Għalhekk, meta jabbozzaw inizjattiva, l-organizzaturi għandhom jaħsbu aktar bħala avukat milli bħala attivist.
2. L-organizzaturi jridu jkunu jafu eżattament x'iridu jiksbu bl-inizjattiva tagħhom u jridu jagħmluha ċara ħafna fl-abbozz. Għandhom ikunu preċiżi ħafna fl-abbozz legali tagħhom u jevitaw titli jew suġġetti ġenerali wisq.
3. Ir-referenzi għall-artikoli tat-Trattati tal-UE dejjem jiddependu mill-qasam ta' azzjoni li l-organizzaturi jixtiequ jsegwu. L-organizzaturi għandhom jiżguraw li l-qasam ta' politika li fih jixtiequ jaraw bidla jissemma' fl-inizjattiva tagħhom. Dan se jiffaċilita wkoll ir-referenzjar għad-dispożizzjonijiet legali rispettivi.
4. Fl-inizjattiva tagħhom l-organizzaturi jridu jiddikjaraw eżattament x'iridu li tagħmel il-Kummissjoni Ewropea. Huwa importanti li wieħed jifhem liema passi se jitkolbu lill-Kummissjoni Ewropea biex tieħu abbażi tal-inizjattiva tagħhom.

Punti rilevanti oħra

Kompetenzi tal-UE

- L-organizzaturi għandhom iqisu l-kompetenzi tal-UE. Għal dan il-għan, l-organizzaturi għandhom (1) iħarsu lejn is-suġġett (eż. soċjali, ambjentali, tax-xogħol, tat-taxxa), (2) jifhmu min hu kompetenti (l-UE jew l-Istati Membri) u (3) jifhmu x'tip ta' kompetenza tal-UE hija (jekk ikun hemm).
- L-organizzaturi jistgħu jikkunsidraw li jiproponu bidla minima fil-liġi tal-UE biss. B'dan l-approċċ, l-organizzaturi jistgħu wkoll jiddikjaraw lill-Kummissjoni Ewropea li qed jitkolbu biss bidla leġiżlattiva żgħira – dan jista' jkun ta' għajnejha.

“Fittex parir” fil-Forum tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej

- L-għan tal-eserti legali wara s-servizz “Fittex parir” huwa li jiżgura li t-talba li ssir f'inizjattiva tkun ċara biżżejjed u strutturata tajjeb. Dan jimmassimizza ċ-ċans li wieħed jgħaddi mill-proċess ta' reġistrazzjoni.
- It-tim ta' “Fittex parir” jista' jiżgura li l-abbozz tat-test ta' inizjattiva jikkonforma mal-kriterji legali u ma jikkummentax dwar il-kontenut tiegħu.



Referenzi legali

- Huwa dejjem tajjeb li ssir referenza għall-Artikoli 289 u 294 tat-TFUE minħabba li jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni biex tiproponi leġiżlazzjoni. Il-fatt li jissemmew artikoli oħra jiddependi fuq il-qasam fejn l-organizzaturi jridu jagħtu bidu għal azzjoni leġiżlattiva. Jista' jkun tajjeb li tiġi pprovduta firxa ta' artikoli differenti.
- Jekk l-organizzaturi jirreferu għall-artikoli tat-Trattat, huma għandhom jispiegaw l-għażla ta' dispożizzjoni tagħihom (eż. fl-anness). Dan jagħmilha aktar faċli għall-Kummissjoni Ewropea biex tivvaluta r-reġistrazzjoni.
- Il-Kummissjoni Ewropea għandha l-possibbiltà li tirreġistra inizjattivi, anke jekk l-organizzaturi naqsu milli jipprovd u d-dispożizzjonijiet korretti.
- L-Artikolu 288 tat-TFUE huwa dejjem punt ta' tluq tajjeb biex wieħed jifhem att legali.

Informazzjoni prattika meta tissottometti inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

- Huwa obbligatorju li tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja meta tiġi ppreżentata inizjattiva: il-lingwa tal-inizjattiva, it-titlu tal-inizjattiva, l-objettivi tal-inizjattiva, id-dispożizzjonijiet tat-Trattati tal-UE meqjusa rilevanti għall-azzjoni proposta (artikolu jew referenza wiesgħa).
- Jekk is-suġġett huwa tekniku ħafna, anness jista' jkun mod tajjeb biex jiġu ċċarati aktar l-objettivi tal-inizjattiva.
- L-organizzaturi jistgħu jikkunsidraw l-abbozzar kemm ta' verżjoni qasira kif ukoll ta' verżjoni twila tat-titlu ta' inizjattiva.

Proċess

- Huwa possibbi li tinħoloq entità legali biex tmexxi l-inizjattiva, skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru. Din l-entità jkollha l-għan li timmaniġġja l-inizjattiva rispettiva.
- Ladarba l-organizzaturi jitkolbu li inizjattiva tiġi rreġistra, il-Kummissjoni Ewropea tivvaluta jekk tiġix aċċettata jew le. Il-Kummissjoni Ewropea se tiprovd tweġiba fi żmien xahrejn.
- Il-Kummissjoni tista' tiddeċċiedi wkoll li tirreġistra inizjattiva parzjalment.
- Il-Kummissjoni se tiprovd t-traduzzjoni tal-kontenut tal-inizjattiva.
- L-aktar żbalji komuni li saru mill-organizzaturi huma: (1) It-taħlit ta' wisq aspetti fid-domanda tagħhom. Huwa importanti li ma jiġu amalgamati ideat differenti f'inizjattiva waħda. (2) In-nuqqas ta' għarfien tal-kompetenzi tal-UE. L-organizzaturi jridu jiżguraw li l-UE jkollha d-dritt li tilleġiżla fil-qasam tad-domanda tagħhom. (3) In-nuqqas ta' vverifikar dwar jekk il-Kummissjoni għandhiex is-setgħa li tiproponi att legali dwar il-kwistjoni speċifika li l-inizjattiva proposta tfittex li tindirizza.